FONTANA

Minuti tal-kontinwazzjoni tat-tielet laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 26 ta` Mejju 2008 fis-2.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba.

**Korrispondenza**

l-Onor. Ġiovanna Debono, Ministru għal Għawdex, bagħtet ittra t`apprezzament lis-Sindku għall-mod kif il-Kunsill Lokali ħadem u kkollabora mal-Ministeru għal Għawdex u l-organizzaturi ta` l-avveniment *Gozo 1234*. Is-Sur Lou Bondi mill-kumpanija *'Where`s Everybody'* bagħat ukoll ittra ta` ringrazzjament u awgura aktar ħidma fil-ġejjieni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiem tal-Kunsill Joe Mercieca irid jingħata ġurnata *Time Off* peress li nhar il-Ħadd, 4 ta` Mejju daħal jieħu ħsieb li jiftaħ u jagħlaq ix-xelter f`din l-okkażjoni.
Is-Sur Natalino Attard, Direttur għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-istruttura tad-Dipartiment.

**Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

***Financial Statements***

Il-Kunsill approva unanimament il-*financial statements*.

**Il-*Budget***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat *draft* tal-*Budget* li ġie mħejji mis-Sindku u minnha. Wara diskussjoni il-*Budget* għas-sena 2008/2009 ġie approvat.

**Responsabilitajiet afdati lill-Kunsilliera**

Il-Kunsill qabel illi l-Kunsill jaħdem bħala *team* u għaldaqstant ma ngħatawx responsabilitajiet lill-Kunsilliera.

**Kuntatti mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar it-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja t`ittra li ntbagħtet lid-Direttur tal-Artijiet bħala risposta ta` l-ittra li ntbagħtet mill-Kunsill fejn ser jibqa` jitlob id-devoluzzjoni tal-fondi 189/190 u 191 fi Triq tal-Għajn Is-Sindku qal illi għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-Kunsill ikun infurmat f`hix waslu l-affarijiet. Il-Kunsill qabel.

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Viċi-Sindku talab li l-Mozzjoni tiegħu Nru. 24 tiġi amalgamata ma` din il-mozzjoni peress li huma fuq l-istess suġġett. Il-Kunsill qabel illi jagħmel ir-restawr meħtieġ fl-Għajn ta` Bendu, għalhekk għandha ssir l-applikazzjoni lill-MEPA u jsir studju dwar *street furniture* u *landscaping* fi Pjazza l-Għejjun. Il-Viċi-Sindku qal illi jista` jieħu parir jew xi ideat mingħand is-Sur John Cremona. Il-Kunsill qabel.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi japplika mal-MEPA biex tinbena replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Is-Sindku qal li għandha tintalab l-għajnuna mis-Sovritendenza Nazzjonali, dan peress li f`laqgħa li kellu magħhom is-sena l-oħra semma dan il-proġett lill-Eċċ. Tiegħu Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus, dan għar-raġuni li meta snin ilu saret l-applikazzjoni mill-Kunsill għal dan il-għan ġiet rifjutata. Il-Kunsill qabel illi jiġi kkun tattjat il-Perit John Saliba għal dawn l-applikazzjonijiet. Il-Viċi-Sindku qal illi jista` jirranġa li ssir laqgħa mal-HAC tal-*Heritage Malta* u l-MEPA u jiġi l-Perit magħna. Il-Kunsill qabel.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill qabel illi japplika lill-MEPA u fil-mument opportun tkompli t-tieni parti tal-passaġġ bil-ġebla tal-qawwi f`Wied Siekel.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Victor Cefai. Il-Kunsill qabel illi jneħħi dik il-parti li baqa` mill-bankina li tmiss mal-*Playing Field* fi Triq ta` Mulejja u minflokha jagħmel bankina t`għoli normali.

Mozzjoni Nru. 5 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Victor Cefai. Il-Viċi-Sindku talab li l-Mozzjoni tiegħu Nru. 15 tiġi amalgamata ma` din il-mozzjoni peress li huma fuq l-istess suġġett. Il-Kunsill qabel illi meta jkollu l-fondi jagħmel sistema ta` dwal ġodda permezz ta` fanali dekorattivi fi Triq il-Qalb ta` Ġesu`, Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq ta` Mulejja. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-fanali ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u dawk ta` Triq tal-Għajn saru taħt is-superviżjoni ta` *Galea Curmi Engineering Consultants* li kienu responsabbli mill-proġett, kif ukoll id-dawl ta` dawn il-bozoz jagħtu fl-isfar.

Mozzjoni Nru. 6 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Victor Cefai. Il-Kunsill għandu jagħmel l-akbar użu mis-Sala tal-Komunita` permezz ta` korsijiet, attivitajiet kif ukoll '*Day Centre*' għar-residenti tal-Fontana. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa illi jintbagħat *questionnaire* lir-residenti biex jiġi ċċekjat x`tip ta` korsijiet jixtiequ li jsiru. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi meta tibgħat *questionnaire* tkun qed tiftaħ ħafna bibien fis-sens li jissemmew ħafna korsijiet li jkunu mpossibbli li jsiru. Huwa ssuġġerixxa li f`dan il-*questionnaire* għandu jkun hemm lista ta` korsijiet sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jagħżlu minnhom. Il-Kunsill qabel.

Mozzjoni Nru. 7 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Horace Micallef. Il-Viċi-Sindku talab li l-Mozzjoni tiegħu Nru. 18 tiġi amalgamata ma` din il-mozzjoni peress li huma fuq l-istess suġġett. Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-awtoritajiet konċernati biex issir sistema ġdida tad-drenaġġ fin-naħa t`isfel ta` Triq l-Isptar San Ġiljan sal-kantuniera ta` Triq tal-Għajn. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-Viċi-Sindku jikkoordina l-infrastruttura kollha neċessarja ta` din it-triq.

Mozzjoni Nru. 8 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi jkompli jinsisti mal-Gvern Ċentrali biex it-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabilita` tiegħu jinbnew mill-ġdid.

Mozzjoni Nru. 9 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Horace Micallef. Il-Kunsill qabel u għandu jibda il-kuntatti għall-ġemellaġġ.

Mozzjoni Nru. 10 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Victor Cefai. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi jikkuntattja lis-Sur Paul Curmi sabiex jara x`possibilita` ta` fondi mill-Unjoni Ewropeja jkun jista` japplika għalihom il-Kunsill. Dan għar-raġuni li diġa qed jagħmel xogħol simili għall-Kunsill tal-Għarb.

Mozzjoni Nru. 11 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi jieħu ħsieb li ssir *road-hump* jew tnejn tar-*rubber* fil-bidunett ta` Triq tal-Għajn. Il-Viċi-Sindku ppropona li jekk din tiġi approvata mill-ADT issir talba għal *road-hump* oħra fil-*bottle neck* ta` Triq l-Isptar San Ġiljan ħdejn id-dar ta` Dun Rużar. Il-Kunsill qabel.

Mozzjoni Nru. 12 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill qabel illi jitlob id-devoluzzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta` Bendu, x-xelter tal-gwerra u l-inħawi.

Mozzjoni Nru. 13 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Victor Cefai. Il-Kunsill qabel illi jerġa jorganizza ħarġa għal Sqallija. Is-Sindku ssuġġerrixxa li nżuru Agrigento u Ragusa għal din is-sena. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi ħafna min-nies ikunu jixtiequ li jżuru xi *shopping centre* jew suq.

Mozzjoni Nru. 14 tas-Sur Anthony Borg. Din il-mozzjoni ma ġietx issekondata.

Mozzjoni Nru. 15 tas-Sur Anthony Borg ġiet amalgamata ma` mozzjoni nru. 5.

Mozzjoni Nru. 16 tas-Sur Anthony Borg. Din il-mozzjoni ma ġietx issekondata.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**
Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Commissioner of Inland Revenue* | EUR 1,432.40,0 |
| *Petty Cash* | EUR 91.23,0 |
| *Department of Information* | EUR 9.32,0 |
| *Go* | EUR 147.69,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | EUR 17.25,0 |
| *Malta Falconry Centre* | EUR 225.00,0 |
| *Department of Information* | EUR 9.32,0 |
| Saviour Borg | EUR 330.54,0 |
| Josianne Cassar | EUR 1,348.57,0 |
| *Commissioner of Inland Revenue* | EUR 615.52,0 |
| *Petty Cash* | EUR 93.00,0 |
| *Local Councils Association* | EUR 342.00,0 |
| *Local Councils Association* | EUR 62.00,0 |
| Gary Sammut | EUR 582.34,0 |
| *Go* | EUR 120.73,0 |
| *Public Cleansing Department* | EUR 77.03,0 |
| Saviour Borg | EUR 330.54,0 |
| Josianne Cassar | EUR 1,348.57,0 |
| *Commissioner of Inland Revenue* | EUR 615.52,0 |
| *Petty Cash* | EUR 88.62,0 |
| Joseph Muscat | EUR 1,185.24,0 |
| *Gesco Signs Ltd.* | EUR 92.04,0 |
| *J.C.R. Ltd.* | EUR 825.74,0 |
| *J.C.R. Ltd.* | EUR 17.76,0 |
| *Gozo Pottery Barn* | EUR 76.28,0 |
| *Grech`s Central Stores* | EUR 194.67,0 |
| *Gemco Ltd.* | EUR 978.63,0 |
| *Gemco Ltd.* | EUR 34.94,0 |
| Joe Cauchi | EUR 104.45,0 |
| *A&M Printing Ltd.* | EUR 336.96,0 |
| *A&M Printing Ltd.* | EUR 48.92,0 |
| *Francis Caruana (Gozo) Ltd.* | EUR 218.58,0 |
| *Bubbles Bathrooms* | EUR 2,675.44,0 |
| Joe M. Attard | EUR 46.00,0 |
| Rev. Dr. Joseph Bezzina | EUR 20.00,0 |
| *Koptaco Coaches* | EUR 164.92,0 |
| *Alka Ceramics* | EUR 206.15,0 |
| Victor Cini | EUR 141.23,0 |
| *F. Mizzi Distributors (Gozo) Ltd.* | EUR 214.98,0 |
| *Office Equipment* | EUR 26.04,0 |
| *Gozo Bird Breeders Society* | EUR 46.59,0 |
| *OS3* | EUR 57.08,0 |
| *Gozo Express Services Ltd.* | EUR 8.26,0 |
| *Roma Shopping Complex* | EUR 602.92,0 |

| | |
|---|---|
| *WasteServ Malta Ltd.* | EUR 1,167.22,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | EUR 30.90,0 |
| Anthony Mercieca | EUR 116.50,0 |
| Savio Debrincat | EUR 1,261.23,0 |
| *Water Services Corporation* | EUR 19.79,0 |
| *Water Services Corporation* | EUR 63.49,0 |
| *Silhouette The Light Shop* | EUR 503.14,0 |
| *jdb digital printing* | EUR 1,333.50,0 |
| *George Farrugia & Sons* | EUR 67.15,0 |
| Alex Gatt | EUR 49.30,0 |
| Alex Gatt | EUR 144.58,0 |
| George Sacco | EUR 850.22,0 |
| *J.C. Hardware* | EUR 53.05,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | EUR 167.72,0 |
| *Dominic Department Stores* | EUR 69.34,0 |
| Avukat Angele Formosa | EUR 1,052.00,0 |
| *Joseph Caruana Co. Ltd.* | EUR 799.20,0 |
| *Road Construction Co. Ltd.* | EUR 58.28,0 |
| Richard Cauchi | EUR 357.37,0 |
| Charles Attard | EUR 39.20,0 |
| *Mr. Signs* | EUR 41.93,0 |
| Grace Borg | EUR 93.17,0 |
| Mary Cardona | EUR 93.17,0 |
| Francis Cordina | EUR 93.17,0 |
| Francis Galea | EUR 93.17,0 |
| Total | EUR24828.80,0 |

## Ilmenti/Suġġerimenti

Is-Sinjura Josette Mercieca ta\` *'Recuerdos'* Triq Għajn Tuta talbet sabiex issir bankina mal-*plot* ta\` ma\` ġenb id-dar tagħha. Hija talbet dan sabiex ikun jista\` jinqata\` t-trab. Il-Kunsill qabel illi din issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex bank li hemm taħt ir-*railing* fi Triq tal-Għajn jitpoġġa aktar il-fuq. Il-Kunsill qabel.

## Materji oħra

Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa li fiha saret it-tnedija ta\` l-eżerċizzju għar-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Din saret nhar il-Ġimgħa, 23 ta\` Mejju fis-6.00p.m. fil-Berġa ta\` Kastilja.
Is-Sindku attenda laqgħa għas-Sindki Għawdxin nhar it-Tnejn, 19 ta\` Mejju fl-10.00a.m. fil-Kunsill Lokali tal-Munxar dwar l-*LAG* fuq il-programm *'Leader'*. Is-Sindku ffirma il-ftehim bħala *partner* fil-proġett *LAG Programme*. Attenda wkoll laqgħa għas-Sindki li saret fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex mas-Sur Daniele Borelli tal-*European Ltd.* dwar dan il-proġett.

Is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef attendew għall-laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Qala mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said dwar il-ħidma tal-Kunsill u kif ukoll dwar emendi li hemm maħsuba li jsiru fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali. Din il-laqgħa saret nhar il-Ħamis, 15 ta` Mejju fl-10.00a.m. fil-Kunsill Lokali tal-Qala.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar u qed isir xogħol ta` manutenzjoni kull fejn hemm bżonn mill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll inbidlu xtieli tal-qsari.

Dwar il-ħarġa ta` Jum għal Sqallija l-Kunsill qabel li tkun nhar it-3 ta` Lulju. Għandhom jintbagħtu avviżi fid-djar u d-data ta` l-għeluq tkun it-13 ta` Ġunju. Dwar il-ħarġa ta` nofs ta` nhar f`Għawdex li kellha ssir dan ix-xahar ġiet posposta peress li kien hemm ħarġa tal-parroċċa, għalhekk ser issir nhar il-Ħamis, 5 ta` Ġunju, fejn issir quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri fl-okkażjoni tal-festa, wara nżuru l-Mużew ta` Karmni Grima u Frenċ ta` l-Għarb, kif ukoll jiġi offrut kafe` u *snack* mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Bank H.S.B.C. ħallas EUR2329.37 (Lm1000) lill-kuntrattur Nicky Saliba ta` parti mix-xogħol ta` Wied Siekel, il-kumplament madwar EUR23293.00 tħallas mill-Kunsill preċedenti. Huwa ppropona li tintbagħat ittra ta` ringrazzjament u għal aktar koperazzjoni fil-ġejjieni lill-Bank. Kif ukoll tintbagħat ittra lill-*Bank of Valletta* biex jgħin f`xi proġett li jkollu l-Kunsill, dan l-aktar peress li għandna l-kontijiet bankarji miegħu. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill ġabar ukoll il-garanzija li kien għamel ta` EUR2329.37 lill-MEPA għax-xogħol ta` dan il-passaġġ f`Wied Siekel. Dan wara li l-MEPA kienet sodisfatta bix-xogħol li twettaq.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li sa llum is-Sur Bazergan li għandu *farmhouse* f`Wied Siekel għalkemm kien wiegħed lill-Kunsill li ser jgħin f`dan il-proġett, l-għajnuna baqgħet ma waslitx. Il-Kunsill qabel illi s-Segretarju Eżekuttiv terġa` tikkuntattjah dwar dan il-għan.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm applikazzjoni dwar it-trinka li trid issir għal *substation* fil-proġett *Fontanella Gardens*. Is-Sindku qal li l-kuntrattur ġie mitlub mill-Kunsill biex it-tiswija bit-tarmak tat-trinka tkun ta` żewġ metri wisa`. Is-Sindku qal li l-permess ġie mogħti biex isir wara l-festa, dan peress li x-xogħol kien ser jibda mmedjatament. Il-Kunsill qabel illi x-xogħol ma jsirx għalissa iżda wara l-festa sabiex ma jkunx t`inkonvenjent għar-residenti.

Is-Sindku ppropona wkoll li ssir ħarġa soċjo-kulturali f`Malta wara l-festa. Il-Kunsill qabel li din għandha tkun nhar il-Ġimgħa, 27 ta` Ġunju 2008.

Dwar il-*kiosks* tal-festa li s-soltu jarmaw fi Triq ta` Mulejja l-Kunsill qabel li din is-sena ma jingħatawx permessi hemm peress li għall-ewwel darba ser ikun hemm armat in-nar tal-art lejliet il-festa. Għalhekk is-Sindku qal li hemm bżonn isiru toqob ġodda għal dan il-għan. Huwa qal li t-tappieri tal-ħadid li fadal ser jintużaw hemmhekk.

Dwar l-attivitajiet tal-*Gozo 1234* il-Kunsill qabel illi jħallas lil Grace Borg, Mary Cardona, Francis Galea u Francis Cordina tas-sehem li taw f`din l-attivita` EUR 93.17 kull wieħed. Mary Cardona u Francis Galea ġew imqabbda minflok Katarin Mercieca u Ġużepp Galea rispettivament peress li dawn ma setgħux jagħtu s-servizz mitlub mill-Kunsill.

Dwar it-tindif ta` Wied ix-Xlendi s-Sindku qal li trid tiġġedded l-garanzija bankarja lill-MEPA peress li ser tagħlaq. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ppropona li toħroġ l-offerta għas-siġġijiet tas-Sala tal-Komunita`. Il-Kunsill qabel. Huwa qal ukoll li FestaTfal ser issir fis-7 ta` Ġunju wara l-quddiesa tat-tfal li tkun fis-7.00p.m., kif ukoll qed isiru l-preparamenti meħtieġa għat-tiġrijiet tal-bhejjem u ser ikun hemm 23 korsa. Huwa nforma lill-Kunsill li kellem lis-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* u dan ser jagħti lill-organizzaturi EUR349.41.

Il-Kunsill qabel illi jordna l-*business cards* mingħand *Portelli Print*, 500 *business cards* għall-membri kollha jiswew EUR247.80.

Is-Sindku qal illi ser terġa` toħroġ edizzjoni oħra tal-fuljett 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek', kif ukoll ser terġa tiġi offruta ikla mill-Kunsill lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li twaħħlu tabelli biex ma jintefax żibel fil-kantuniera ta` Triq is-Sajjieda, ħdejn il-mina fi Triq tal-Għajn kif ukoll ħdejn il-*bring-in-sites*. Twettaq ukoll l-ilment dwar bankina fi Triq San Martin.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta saru l-fanali fi Triq tal-Għajn ġiet skonnettjata bozza li hemm m`arblu f`tarf ir-*railing*. Peress li issa f`tarf Triq l-Isptar San Ġiljan hemm id-dlam, hemm talba biex titwaħħal hemmhekk. Għandhom isiru l-kuntatti neċessarji sabiex din il-bozza tiġi mwaħħla f`dan il-post.
Għal-laqgħa attenda Fr. Alex Refalo, l-amministratur tal-Parroċċa. Ġew diskussi xi punti fosthom l-attivitajiet li ser isiru mal-Kunsill fl-okkażjoni tal-Festa. Is-Sindku semma l-għajnuna li l-Kunsill ta lill-Parroċċa f`dan l-aħħar żmien. Issemma wkoll il-*Budget* tal-Kunsill li huwa limitat ħafna u l-Kunsill huwa marbut ma` l-Iskeda Nru. 8 dwar id-donazzjonijiet. Il-membri tal-Kunsill offrew l-għajnuna tagħhom għad-dispożizzjoni tal-Parroċċa.

Il-laqgħa spiċċat fl-4.15 ta` filgħaxija u ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni tagħha għal nhar il-Ġimgħa, 30 ta` Mejju 2008 fis-2.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |